**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru 4**
**Citaz. Nru. 1443/93 FD**

**Maria Rosa sive Rose Casha f'isimha *proprio*, u bhala nominata kuratrici *ad litem* tat-tifla taghha minuri Tiziana b'digriet tat-23 ta' Novembru 1993**

**vs**

**Joseph Casha**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' adulterju, mohqrija, minacci, theddid, ingurji gravi u eccessi b'mod li irrenda z-zwieg ta' bejniethom impossibbli u kissru b'mod irrimedjabbli;

Premess illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tifla minuri jisimha Tiziana ta' hdax (11) –il sena;

Premess illi permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-attrici giet awtorizzata biex tipprocedi bl-istanti kontra l-konvenut (Dok A);

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Ghar-ragunijiet fuq premessi ssib lill-konvenut unikament responsabbli ta' tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti u ghalhekk tiddikjara s-separazzjoni personali bejniethom;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal bintha minuri retta alimentari skond il-bzonnijiet taghha u l-mezzi tal-konvenut;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Tiziana f'idejn l-attrici;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Casha u tassenja parti lill-attrici u ohra lill-konvenut skond ic-cirkostanzi u jekk huwa l-kaz bl-applikazzjoni

ta’ l-artikolu 48(1)(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvenut; u

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta’ l-artikolu 48(1)(a), (b) u (d) u l-artikolu 48(2) u l-artikoli l-ohra kollha 50, 51, 52, 53, 54 u 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sa fejn applikabbli skond ic-cirkostanzi u r-rizultanzi tal-provi fil-kors tal-kawza;

Bl-ispejjez inkluzi dawk inkorsi fi proceduri fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi waqt li kien jaqbel illi kellu jkun hemm separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan kien stante l-inkompatibbilita` ta’ karattru u htijiet ohra da parti ta’ l-attrici, huwa ma kienx jaqbel illi b’xi mod kien responsabbli ghas-separazzjoni personali;

2. Illi huwa kien ipprova diversi drabi biex jasal ghal separazzjoni bonarja ma’ martu, imma dak li qed titlob kien fantastiku u m’ghandu xejn x’jaqsam mar-realta` stante li hu la ghandu assi immobiljari u lanqas proprjeta` ohra;

3. Illi barra minn hekk il-mara m'ghandiex tippercepixxi manteniment ghaliha stante li hija f'posizzjoni li tahdem, kif jaghmel il-konvenut;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru 1995 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Marco Griscti bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ukoll id-digriet sussegwenti tat-22 ta' Jannar 1997 li permezz tieghu giet revokata l-imsemmija nomina u giet nominata l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert legali li tinsab a fol 103 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tal-15 ta' Marzu 2000;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti;

Semghet lill-espert legali in eskussjoni;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijietipprezentanti mill-partijiet;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet li l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali taghha minn ma' zewgha l-konvenut u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut; talbet ukoll il-kura u l-kustodja tat-tifla taghhom allura minuri Tiziana u l-manteniment ghaliha u ghall-istess minuri, kif ukoll li tigi xolta u likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti u diviza skond il-ligi; u anke l-applikazzjoni kontra l-konvenut ta' l-artikoli elenkati fil-hames domanda;

Illi minn naha tieghu, il-konvenut ghalkemm jistqarr illi l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dana kollu jinsisti li l-htija tat-tkissir taz-zwieg kienet proprju l-istess attrici; huwa eccepixxa wkoll li ma kellux jigi kkundannat li jhallas l-ebda manteniment ghall-attrici personalment peress li hija kienet f'posizzjoni li tahdem;

Illi l-attrici tispjega kif il-hajja taghha mal-konvenut kienet ghal kollox felici u dan anki ghal snin shah wara li twieldet it-tifla taghhom Tiziana u l-inkwiet beda biss meta fil-hajja taghhom dahlet certu wahda jisimha Rose Zarb u din irnexxielha ddawwar lill-konvenut biex jingibed lejha u jabbanduna ftit ftit il-hajja matrimonjali

tieghu; illi l-attrici tat stampa ta' kif din it-terza persuna bdiet tidhol ftit ftit u uriet ukoll kif il-konvenut ma kienx kapaci jzomm 'il boghod minnha u hija baqghet tiffittah u tigri warajh sakemm farkitlu ghal kollox il-hajja familjari tieghu;

Illi rrizulta mill-provi illi l-konvenut kien bejn haltejn jekk jergax lura ma' martu jew jibqa' ma' dik it-tfajla u fil-fatt kien hemm snin shah illi fiha huwa kien jiffrekwenta lit-tnejn flimkien u l-attrici kienet taf b'din is-sitwazzjoni pero` baqghet tispera illi z-zewgha fl-ahhar jara d-dawl u jirritorna d-dar maghha u ma' binthom; dan ma garax u fil-fatt il-konvenut ghadu sallum jiffrekwenta lill-istess mara;

Illi l-konvenut fil-bidu tal-provi ttanta jevita illi din l-istorja tigi konfermata u gab kull tip ta' skuza, sahansitra pprova jghid illi meta zzewweg huwa kien ghamel hekk kontra l-volonta` tieghu u qal li zzewweg biss ghaliex kien hassu qisu gewwa morsa stante li kien ilu kwazi sentejn jiekol u jorqod fid-dar ta' l-attrici bhala gharus; illi pprova anki jdahhal l-istorja tal-genituri tieghu fin-nofs u spjega li dawna kienu kontra r-relazzjoni tieghu ma' l-attrici; dak li ma qalx il-konvenut huwa illi l-genituri tieghu kienu verament inkwetati bir-relazzjoni tieghu ma' l-attrici imma dan ghaliex huwa kien fil-fatt gharus ma' tfajla ohra fl-istess zmien; dan kien l-infern tad-dinja minnu msemmi, u li l-genituri tieghu riduh jevita;

Illi l-konvenut ipprova jaghti stampa illi huma kellhom hafna glied fil-perjodu ta' meta kienu

ghadhom gharajjes u anki meta zzewgu u li fil-fatt kull ma gara insegwitu kienet biss zieda f'dan l-inkwiet, b'dana kollu huwa qatt ma cahad dak li stqarret martu dwar il-hajja familjari kwazi ezemplari illi hija tispjega bid-dettal fid-dikjarazzjonijiet taghha;

Illi n-nuqqas ta' kredibilita` tal-konvenut tohrog cara mid-dikjarazzjoni tieghu illi huwa ghamel erba' snin wara l-prezentata tac-citazzjoni waqt seduta peritali meta, rinfaccat b'tant provi kontra tieghu, kellu jammetti meta gie mistoqsi dwar l-imsemmija Rose Zarb u qal: "*ilni nafha zmien, inutli nduru minn hemm u minn hawn*" - ammissjoni cara ta' kif f'dawk is-snin anticidenti kien ilu jipprova jghid kelma b' ohra mhux biss lil martu imma anki lill-Qorti fid-dikjarazzjonijiet tieghu. Dan qed jinghad anki fid-dawl tas-snin shah illi l-konvenut baqa' jinqeda b'martu f'kull sens waqt li kien ghadu jiffrekwenta b'mod assidwu lill-habiba tieghu u dan in-nuqqas ta' kredibilita` ma tistax ma tinfluenzax ukoll id-decizjonijiet kollha illi l-Qorti jkollha tiehu fid-determinazzjoni ta' dina l-kawza;

Illi ghalhekk filwaqt li jidher li l-allegazzjonijiet ta' l-attrici fil-konfronti tan-nuqqasijiet tal-konvenut gew abbondantement ippruvati anki mill-istqarrija finali ta' l-istess konvenut, jigi rilevat li l-istess konvenut ma rnexxilu bl-ebda mod jiggustifika l-allegazzjonijiet tieghu u ghalhekk il-Qorti tifhem li t-talba ghal separazzjoni ghandha tintlaqa' pero` dan minhabba nuqqasijiet esklusivament imputabbli lill-konvenut;

Illi dwar it-talba ghal kura u kustodja tat-tifla minuri Tiziana ma huwiex aktar il-kaz li l-Qorti tikkonsidra din it-talba stante li t-tifla ghalqet l-eta` zmien ilu, u ghalhekk il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-manteniment dovut ghall-istess minuri;

Illi dwar it-talba ghal manteniment ghall-attrici personalment, il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghas-snin kollha illi l-kontendenti ghamlu flimkien jigifieri kemm dawk meta l-posizzjoni taghhom kienet ghal kollox felici, kif ukoll dawk sussegwenti l-aktar meta kif gja intqal il-konvenut baqa' jinqeda bl-attrici ghall-htigijiet kollha tieghu pero` ma kienx jorqod id-dar; wiehed malajr jifhem li l-attrici dejjem ghexet bhala mara tad-dar, tiehu hsieb id-dar u n-necessitajiet tal-familja waqt li l-konvenut kien jipprovdiha b'mezzi biex tkun tista' tghix. Dina s-sitwazzjoni l-Qorti ma tifhimx li ghandha tigi varjata u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha manteniment;

Illi dwar dan il-punt saru bosta sottomissjonijiet u peress li jidher li fil-fatt kull ma ried il-konvenut kien illi jipprova jehles mill-pizijiet tal-familja u pprova jpingi lilu nnifsu bhala xi bniedem jghix proprju jekk mhux fi stat ta' poverta` imma kemm kemm jissupera din l-ghatba; illi l-konvenut jiddefinixxi lilu nnifsu bhala "*jiena nahdem bhala autoelectrician full-time*". Ghalkemm l-abbli relattrici rrilevat li ma tressqux provi konkreti l-Qorti hija fid-dmir illi tezamina c-cirkorstanzi kollha tal-kaz u tuza l-buon sens taghha biex tinterpreta c-cirkostanzi

kollha anki dawk illi ma jkunux espressament pruvati f'materja bhal ma hi tal-manteniment meta huwa notorju illi hadd mill-partijiet ma jghid il-verita` kif inhi; illi l-Qorti tifhem illi l-konvenut ilu jahdem bhala autoelectrician ghal bosta snin tant illi fi kliem l-attrici sa mill-1974 meta hija kienet toqghod Conception Street, l-Imsida "*kont insellimlu u gieli kellimtu bhala girien stante li kien bil-garage ma' gemb id-dar. F'dan il-perjodu kien gieli ofrieli biex immur mieghu dawra bil-karozza biss peress li hu kien gharus jiena qatt ma accettajt. Xi zmien wara kien ghalaq dan il-garage u fetah iehor Santa Venera*". Dan qed jigi rilevat biex jindika illi l-konvenut ghandu certa esperjenza fix-xoghol u dana malajr wiehed jifhem li mieghu jgib ammont ta' xoghol f'kamp awtomobbilistiku illi ma huwiex daqstant komuni; mhux ta' b'xejn huwa xehed illi madwar is-sena 1980 huwa kien ukoll wasal biex xtara Mercedes li dak iz-zmien kienet tiswa' Lm7000 jew Lm8000; veru li huwa xehed illi kien hadha bid-dejn ma' Kinds, pero` l-idea biss li wiehed jista' jixtri Mercedes f'dawk iz-zminijiet certament tindika kemm kien agjat l-istat finanzjarju tal-konvenut. Dan qed jinghad biex il-Qorti tispjega ghaliex ma qed taghti l-ebda kredibilita` lic-cifri li ta l-konvenut dwar il-profitti tieghu li minghajr ma wiehed joqghod imur fl-eccessi ghandhom jigu kalkolati illi huma ferm superjuri ghal Lm5000 fis-sena;

Illi ma jirrizultax li l-attrici ghandha xi mezzi ta' qligh ghalkemm irrizulta illi f'xi mument meta l-konvenut beda jonqosha anke finanzjarjament hija kienet kostretta li tmur taghmel xi xoghol f'lukanda. Il-Qorti ghalhekk tifhem illi l-

konvenut ghandu jibqa' certament ikkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm30 fil-gimgha bl-awmenti perjodici kif ser jinghad aktar 'il quddiem;

Illi dwar il-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti rat il-bosta sottomisjonijiet li saru dwar dan il-punt l-aktar dwar jekk hemmx dritt ta' avvjament jew le. Il-Qorti ezaminat in-noti relattivi u senjatament lill-kazistika kkwotata mill-konvenut fl-ahhar nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu u tifhem illi l-kaz tal-konvenut ma huwiex xi negozju illi jista' jibqa' jimxi minghajr il-presenza tieghu ghaliex anki jekk il-Qorti tifhem li anke hawn il-konvenut ma kienx veritier u cioe` meta huwa qal li jahdem wahdu u ma ghandu lil hadd impjegat mieghu, xorta hija tal-fehma illi xoghol specjalizzat bhal dak ta' autoelectrician ma hijiex haga li wiehed imur ghandu ghaliex jaf fejn hu l-hanut tieghu imma biss ghaliex jafda lilu fil-kompitu li jkun ser jafdalu. Ghalhekk il-Qorti ma tarax illi dan ghandu jigi moghti xi valur fil-kaz in kwistjoni;

Illi pero` qamet ukoll il-kwistjoni dwar il-hlas ta' l-arretrati tat-taxxa u l-Qorti tinsisti fuq dak li diga` qalet dwar l-ammont ferm superjuri li kien qieghed jiggwadanja il-konvenut u ghalhekk ma teskludix il-possibilita` illi huwa kien qieghed ihalli xi flus apparti b'mod li martu ma tkunx taf bihom, anki jekk il-hajja pjuttost spergolata tieghu tista' tindika mod iehor; certament ma jistax ikun hemm dubju li r-responsabilta` ta' dan id-dejn illi huwa ghamel tul is-snin l-aktar f'dawn is-snin li huwa kien qieghed fi proceduri

gudizzjarju ma' martu ghandhom jigu sopportati esklusivament mill-istess konvenut;

Illi mir-rizultanzi processwali ma jidhirx li kien hemm assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti u l-Qorti taghmel f'kull kaz referenza ghall-Verbal tat-8 ta' Marzu 1995 fejn il-konvenut wara li ghamel referenza ghall-affidavit ta' l-attrici a fol 21 sa fol 32 tal-process u b'referenza partikolari a fol 32 u cioe` ghal konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa "*jiddikjara li jirrinunzja ghal kwalsiasi sehem mill-istess assi u jiddikjara li dawk huma l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ... jaqbel ukoll li jibqa' jaghti manteniment ghal martu u l-bintu ta' Lm45 fil-gimgha - Lm30 ghal martu u Lm15 ghal bintu*".

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Casha u dan minhabba htijiet imputabbli esklusivament lill-konvenut;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha personali s-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30) fil-gimgha liema ammont ghandu jigi rivedut kull sentejn skond il-varjazzjoni li jkun hemm fl-indici ta' l-gholi tal-hajja, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in kwantu tirreferi ghall-manteniment ghal binthom minuri;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda peress li t-tifla ma ghadhiex aktar minuri;

Tilqa' r-Raba' Domanda u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull parti dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu b'dan li l-konvenut ghandu jkun esklusivament responsabbli ghall-hlas ta' kull taxxa jew ammont dovout lill-awtorita` kompetenti; din id-decizjoni qed tinghata fid-dawl tal-poteri moghtija lill-Qorti fid-divizjoni ta' l-assi inkluz ukoll il-konsiderazzjoni dwar l-ammont ta' manteniment illi qed jigi ordnat u dan nonostante il-fatt li ghaddew bosta snin minn meta l-ammont indikat fit-Tieni Domanda gie degretat;

Tilqa' l-Hames Domanda u tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha sa fejn applikabbli ta' l-artikoli indikati fic-citazzjoni jew l-artikoli li ssostitwewhom, b'dan li jigi dikjarat li l-kontendenti tilfu d-drittijiet reciproci successorji taghhom.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur